MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 12/2011

**Il-Pulizija**
**(Maggur John Chalker)**
**Vs**
**Emanuel Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant Emanuel Spiteri (ID no. 426751M) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-28 ta' Mejju, 2008 f'Leli & Son, 72, Triq Guze` D'Amato, Paola, fuq talba tal-Employment & Training Corporation, talli fit-28 ta' Mejju, 2008 u qabel din id-data, naqas li javża lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig li ħaddem miegħu lil Mustafa Mousa Aineddin u lil Delil Kamal Bigila persuni ta' nazzjonalita` barranija, Art 7 tal-AL 110/93, u dan ai termini tal-Artikoli Att XXV111 ta' 1990 Art 3(a), 4 tal-AL 110/93, Art 10 tal-AL 110/93.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-6 ta' Jannar, 2011, li biha

wara li rat l-artikoli 3(a), 4, 7 u 10 tal-Avviz Legali 110/93 sabet lill-appellant ħati tal-akkuża miġjuba fil-konfronti tiegħu u kkundannatu multa ta' elf mija u ħamsa u sittin Ewro (€1165).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu ppreżentat fit-18 ta' Jannar, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah mill-akkuża, w fin-nuqqas tagħti sentenza aktar ekwa u ġusta.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti u cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ma għamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirriżultaw mill-provi prodotti. L-appellant xehed fil-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti li ma kellu l-ebda intenzjoni li jimpjega liż-żewġ persuni indikati mill-prosekuzzjoni. L-appellant offra xogħlu mhux impjieg lill-persuni konċernati biex jaqtgħu ħaxix u x-xogħol kellu jdum madwar tlett ijiem jew erba' u mhux aktar. Fil-fatt wieħed minn dawn il-persuni xehed u kkonferma l-verzjoni li ta l-appellant. L-appellant huwa obbligat li jirregistra persuna jekk ghandu l-intenzjoni li jimpjegah fuq kuntratt definit jew indefinit. L-appellant qatt ma kellu din l-intenzjoni, izda kull ma kellu intenzjoni illi jaghtihom appalt sabiex jghinuh fix-xoghol li kellu. Kien qisu "sub-contracting" tal-kuntratt li kellu l-appellant. B'hekk it-transazzjoni li kellu jsir hu li l-appellant ihallsu u l-persuni imsemmija jaghtu ircevuta ta' VAT. Il-prosekuzzjoni kellha tipprova, permezz tal-kundizzjonijiet tax-xoghol jew l-intenzjoni ta' l-appellant, li dawn iz-zewg persuni kellhom xi forma ta' ftehim ta' impjieg. Din il-prova hija nieqsa kompletament u l-uniku prova li hemm hija dawn iż-żewġ persuni kienu qed jaqtgħu l-haxix u kien l-appellant li kien qabbadhom. Ħaġa li mhix kontestata.

Ikkonsidrat;

Illi l-aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Ewwel Qorti. Illi gie ripetutament ritenut minn din il-Qorti, li dil-Qorti normalment ma tvarjax l-apprezzamenttal-fatti li tkun ghamlet l-ewwel Qorti, sakemm din il-Qorti ma tqisx li l-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti tkun *"unsafe and unsatisfactory"* , u dana fis-sens li fuq il-provi li jkollha quddiema l-Ewwel Qorti u li jkunu jinsabu traskritti fil-process, hi suppost li ma tkun qatt waslet ghall-konkluzzjoni ta' htija li tkun waslet ghaliha. U dana ghaliex ghax kif gie ritenut mill-Qrati Inglizi:

*"..assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case ,with the conclusion of the learned Magistrate) because the jury will have had the advantage of seeing andhearing the witness, whereas the appeal court normallydetermines the appeal on the basis of papers alone.However, should the overall feel of the case - including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings - leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then,very exceptionally , a conviction will be quashed*."
(Rex. v. Cooper (1969) 1 QB 276 per Lord Chief Justice Widgery – Blackstone's Criminal Practice (1991) p.1392 citat b'approvazzjoni fl-appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Brian Caruana"** (23.5.02 ).

Ghalhekk l-ezami li ghandha taghmel din il-Qorti mhux li tara jekk taqbilx jew le mal-konklużjoni ta' htija raggunta mill-Ewwel Qorti, izda jekk dik il-konkluzzjoni l-Ewwel Qorti setghetx ukoll tasal ghaliha *"safely*" fuq il-provi li kellha quddiemha. Sa hawn jasal l-ezercizzju revizjonarju ta' din il-Qorti meta si tratta ta' apprezzament ta' fatti.

Ikkonsidrat;

Għalhekk din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-fatti biex tara jekk hemmx lok li hi tiddisturba l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti f' dan il-kaz.

Fost ix-xhieda kien hemm is-sur Louis Buhagiar, spettur fl-ETC. Dan xehed li fit-28 ta' Mejju 2008, kienu għamlu spezzjoni ġewwa Triq Carmelo Ritchie ġewwa x-Xgħajra fejn kienu kellmu żewġ persuni li kienu qed inaddfu l-ħaxix minn fuq il-bankina. Wieħed kien Deril Kamal Bigila u l-ieħor Mustafa Moussa. Huma ma kinux jafu x'jisimha l-persuna li kienu qed jaħdmu magħha u qalulhom biex imorru l-Kunsill Lokali tax-Xgħajra biex iġibu l-informazzjoni minn hemmhekk. Minn hemm saru jafu li l-persuna inkarigata minn dak ix-xogħol ta' tindif huwa l-appellant li huwa d-direttur tal-kumpnaija Leli and Sons Limited.

Xehed ukoll is-Sur Carmel Polidano li huwa wkoll spettur għall-ETC. Huwa kkonferma x-xhieda li ta s-sur Louis Buhagiar . Wieħed mill-ħaddiema ma kienx traced fid-data base tagħhom waqt li l-ieħor kien jidher bħala unemplyed mit-22 t'April, 2008.

Mid-dokument ippreżentat mix-xhud Maria Cutajar (addetta mal-ETC), jirriżulta li Bigila Delila Kamal kien dejjem impjegat.

Id-difiża ssottomettiet li l-appellant ma riedx li jimpjega lit-tnejn min-nies li kellmu l-Ispetturi tal-ETC. Li kienu qed jagħmlux x-xogħol mhux kontestat iżda jinħtieġ li l-Prosekuzzjoni li dawn kienu impjegati. Dan kien contract of service u mhux contract of employment. Kien dmir taż-żewġ individwi li jgħarrfu lill-ETC dwar ix-xogħol li kienu ngħataw bħala appalt.
Il-Prosekuzzjoni ssottomettiet li jekk kien hemm contract of service xorta kellha tinħareġ riċevuta.

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

Din il-Qorti mhix konvinta mit-teżi tad-difiża li l-ħaddiema ta' nazzjonalita' barranija li twaqqfu mill-Ispetturi tal-ETC kienu 'self-employed' jew li bejnhom u bejn l-appellant kien hemm xi 'contract of service'. Wieħed mill-ħaddiema kien untraced fuq id-data base tal-ETC waqt li l-ieħor, kull meta ħadem, dejjem jidher bħala impjegat. Ma tantx huwa argument konvinċenti li issa kien f'daqqa waħda sar

self-employed u jieħu l-kuntratti bl-appalt.  Il-fatt li ż-żewġ ħaddiema qalu lill-Ispetturi biex imorru l-Kunsill Lokali  tax-Xgħajra juri biss li lanqas kienu biss jafu x'jismu min qabbadhom jaħdmu miegħu.  Min jaghmel appalt, żgur ikun jaf ma' min qed jagħmel it-tali ftehim.

Għaldaqstant, il-Qorti qed tiċħad l-aggravju tal-appellant u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fis-6 ta' Jannar 2011 fl-intier tagħha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------